Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 383/2014

Il-Pulizija

(Spettur Victor Aquilina)

Vs

Joseph Anthony Cini

Illum 26 ta' Mejju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Anthony Cini detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 18570M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Settembru 2007 u fit-tliet xhur ta' qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat

bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Settembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1) (a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17 (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal piena ta' hdax-il (11) xahar prigunerija effettiva u multa ta' disa' mitt Euro (€900), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li giet b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatriet tal-esperti nominati fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz, u cioè l-ispejjez relatati mar-

relazzjoni ta' PS 198 Arthur Debattista, ammontanti ghas-somma ta' tlettax-il Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm13.50), ekwivalenti ghas-somma ta' wiehed u tletin Euro, hamsa u erbghin centezmu (Eur 31.45) u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert forensiku, ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€280.49), b'kollox ammontanti ghas-somma ta' tlett mija u hdax-il Euro u erbgha u disghin centezmu (€311.94). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz- zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga li tinsab esebita fl-atti tal-process verbal numru 88/08 redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

In oltre il-Qorti rrilevat u attirat l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u illi kemm-il darba dan ikun possibbli, huwa jiskonta l-piena jew parti mill-piena karcerarja moghtija permezz ta' din is-sentenza gewwa programm residenzjali fi hdan wahda mill-Agenziji li joffru servizz ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Il-Qorti ordnat illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Anthony Cini,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija fis-26 ta' Settembru 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras fis-sens illi filwaqt illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu, thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-piena u tinfliggi piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Anthony Cini huma s-segwenti u cioe`:-

Illi l-appellant ihoss li fic-cirkostanzi tal-kawza odjerna l-piena inflitta kienet wahda eccessiva. Bid-dovut rispett hemm numru ta' konsiderazzjonijiet li l-Ewwel Qorti ma tathomx bizzejjed piz meta giet biex tiddeciedi dwar il-piena. Fl-ewwel lok, l-appellant ammetta u kkopera mill-ewwel mal-Pulizija Ezekuttiva, fl-istadju tal-investigazzjoni. Dan ma sarx semplicement ghaliex ammetta fi stqarrija guramentata izda kien attiv sew sabiex tinqabad terza persuna indikata minnu. Fil-fatt huwa ha sehem f'controlled delivery li wasslet sabiex jittiehdu passi kontra din it-terza persuna. Sussegwentement kien anke xehed fi proceduri kriminali kontra din il-persuna.

Illi rrizulta mill-pre-sentencing report u mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Caritas li effettivament l-appellant huwa vittma tal-vizzju tad-droga u ghandu bzonn ftit tal-ghajnuna. Dak li l-ligi llum qieghda tipprova twassal, u s-sistema gudizzjarja shiha kemm mil-legislatur u mill-qrati nostrana, hija li tghin lil dawn in-nies u mhux semplicement tikkastigahom. Fil-fatt l-ghan illum u l-interess ewlieni huwa r-riabilitazzjoni ta' vittmi ta' droga. Dan m'ghandux

jiftiehem li l-appellant ma jafx li zbalja u li l-ligi timponi karcerazzjoni ghal dawn it-tip ta' offizi, izda huwa semplicement qieghed jigbed l-attenzjoni li hdax-il xahar prigunerija effettiva hija eccessiva f'dawn ic-cirkostanzi.

Illi l-appellant jixtieq jaghmel referenza ghas-sentenza ricenti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Zammit deciza fit-23 ta' Settembru 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras fejn f'dik il-kawza l-akkuzat apparti akkuzi simili kellu wkoll akkuza ohra li garr arma tan-nar minghajr licenzja relattiva. Apparti minn hekk, irrizulta li l-akkuzat f'dawk il-proceduri kien qieghed ibigh l-eroina fuq medda ta' xhur. Dan nonostante l-piena ta' prigunerija inflitta kienet ta' sitt xhur.

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Darren Borg** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras fit-28 ta' Mejju 2014. F'din il-kawza l-akkuzat, apparti akkuzi ta' traffikar, kellu wkoll akkuza ta' recidiva, kellu fedina penali indikanti sejbien ta' htija dwar reati konnessi mad-droga f'erba' okkazjonijiet ohrajn, u kellu wkoll fil-pussess tieghu cannabis resin. Dan nonostante il-Qorti infliggiet terminu ta' prigunerija ta' tmien xhur – xorta wahda tliet xhur inqas mill-appellant.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2022.

**Ikkunsidrat,**

Illi dan hu appell limitat mis-sentenza ta' piena moghtija mill-ewwel qorti nhar is-26 ta' Settembru 2014. Jinghad li din is-sentenza giet assenjata lil din il-qorti kif preseduta nhar l-24 ta' Jannar 2019 u minn hemm il-quddiem din il-Qorti rat li l-appellant kellu problema ta' abbuz ta' droga u ghalhekk kienet ordnat permezz tad-digriet taghha datat 25 ta' April 2019 sabiex tawtorizza lir-

rikorrenti iressaq provi sabiex jikkonvinci lil din il-qorti li jezistu ic-cirkostanzi kontemplati fil-kapitolu 537 sabiex din il-Qorti tikkonverti ruhha fi Qorti ta' Droga. Semghet lil Probation officer kemm il-darba u nhar is-27 ta' Frar 2020 laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex din il-qorti tikkonverti ruhha fi Qorti ta' Droga[1].

Illi n-nota mibghut mill-Bord tar-Riabilitazzjoni li jikkonferma li l-Bord ra progress tal-klijent fosthom bil-kummenti posittivi fl-ahhar rapport u ghalhekk kien qieghed jikkonsidra il-kaz bhala wiehed maghluq.[2]

Rat in-nota tal-ufficcjal tal-probation Maryln Formosa prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Mejju 2022 fejn stqarret li l-appellant kien beda il-programm residenzjali tal-Caritas fis-6 ta' Frar 2020. Dan kien l-ewwel programm li huwa kien dahal ghalih u l-professjonisti li kienu jahdmu mieghu dak iz-zmien kellhom certa dubju fuq kemm huwa kien ser jirnexxielu jimxi fil-programm. L-ewwel fazi li beda fiha kienet dak tax-shelter fejn huwa kien dam tmien gimghat minflok sitta ghaliex kien sabha difficli hafna jissetilja f'dik il-hajja u minkejja li kien hemm element ta' progress dan ma kienx wiehed kbir hafna. Madankollu huwa kien baqa' miexi 'l quddiem bil-mod u wara li kien lesta t-tieni fazi tal-programm huwa kien mexa gewwa Dar Charlie Miceli fil-Mosta fejn hadem bi shih fuqu innifsu u minn hemmhekk kienet evidenti hafna l-progres relattiv li huwa ghamel kemm fejn tidhol id-droga u kemm fir-rigward tal-hajja tieghu in generali. F'Dar Charlie Miceli huwa sab element ta' familja u hbiberija sodi liema element ghenu johrog mill-qoxra tieghu. Fejn qabel huwa kien ikun aktar wahdu jew ma klikka ta' nies li kien jafhom minhabba d-droga, huwa beda jippartecipa fl-attivitajiet kollha organizzati minnhom u beda jitkellem hafna aktar fuq affarijiet li kien ikun qed jghamel u ghaldaqstant hajtu hadet xejra kompletament differenti. Huwa ghadu ghaddej

[1] Fol. 199 tal-process

bil-fazi ta' re-entry u mistenni jiggradwa f'Gunju 2022. L-attendenza tieghu gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole wara li hareg mill-Programm residenzjali dejjem kienet wahda konsistenti fejn dejjem halla kampjuni tal-urina minghajr problemi, liema kampjuni rrizultaw dejjem fin-negattiv ghas-sustanzi illeciti kollha.

Illi dan hu appell limitatament mill-piena errogata mill-ewwel Qorti fejn permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali huwa kien instab hati fuq ammissjoni tieghu stess tal-akkuzi kif moghtija fil-konfront tieghu u gie kkundannat piena ta' prigunerija ta' hdax-il xahar u multa ta' disa' mitt euro (€900).

Huwa appell iffukat fuq il-quantum tal-piena li ġiet erogata fil-konfront tal-appellant. Issa l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :

(a)Retributtiv;

(b)Preventiv; u

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta nhar il- 15 ta' Settembru fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Tarquin Vella**

> *L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali*
>
> *L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq*

*f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha* ***qabel*** *ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.*

F'appelli ta' dan il-ġeneru, il-ġurisprudenza Maltija hija ċara kristall. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti : -

*Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

F'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena għalhekk, il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena fis-sens li tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx skont il-kwalita u

kwantita stabbiliti mill-Liġi, jew jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or otherdispositions appropriate to the case. Thus, in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, hannell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced*

*merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll umbagħad ribadit fl-appell superjuri **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb</u>**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

*Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-*

*ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

lli f'dan il-każ il-piena applikabbli għall-akkużi oriġinarjament miġjuba kontra l-appellant jidħlu fil-parametri tal-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati. Pero jidher li mid-data meta inghatat is-sentenza tal-Magistrati (Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-26 ta' Settembru 2014 l-ewwel Qorti kienet gja gharfet li l-appllant ghandu problema ta' abbuz ta' droga tant li fis-sentenza *taghha kienet attirat l-attensjoni tad-Direttur tal-Habs wara il-fatti li hwua ferm important illi l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necesarja sabiex jirrabilita ruihu mill-vizzju tad-droga u illi kiemm il-darba dak ikun possibli huwa jiskonta l-piena jew parti mill-piena karcerarja moghtija permezz ta' din is-senteza gewwa programm residenzjali fi hdan wahda mill-agenzij li joffri servizz ghar-riabilitazzjoni mill-vizzjui tad-droga.*

Jidher li minn dak in-nhar 'l hawn l-appellant ghamel progress kbir tant li ghamel programm residenzjali kollu u wasal fi stadju li fix-xahar id-diehel

huwa sejjer jiggradwa. Ghalhekk ta' dan, l-appellant ghandu jinghata rikonoxximent minkejja d-diffikoltajiet li iltaqa' maghhom xorta rnexxielu jghelibhom u ta' dan, din il-Qorti tawguralu sabiex jibqa' fit-triq it-tajba 'l boghod mill-hajja kriminali.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti opportunita lil-appellant sabiex ikompli sejjer fit-triq it-tajba li huwa qabad u ghalhekk qeghda tordna li l-piena ta' hdax-il xahar ta' prigunerija jigu sospizi ai termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn mill-illum.

Qeghda pero tikkonferma dik il-parti tal-ewwel sentenza fejn ikkundannat lill-appellant ihallas multa ta' disa' mitt euro (€900) u qeghda ukoll tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn tat l-opportunita lill-appellant sabiex ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ihallas il-multa nflitta f'rati mensili u konekuttivi ta' €50.

Qeghda ukoll tikkonferma li ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellant ihallas l-ispejjez inkorsi man-nomina ta' esperti u cioe l-ispejjez relatati man-nomina ta' PS 198 Arthur Debattista fl-ammont ta' LM 13.50 ekwivalenti ghal €31.45, l-espejjes relatati man-nomina ta' Godwin Sammut fl-ammont ta' €31.94. Dawn l-ispejjez ghandhom jithalsu fi zmien sena millum u fin-nuqqas jigu konvertiti fi prigunerija bir-rata preskritta mill-ligi.

Qeghda ukoll tikkonferma l-ordna tad-distruzzjoni tad-droga li tinsab esebita f'dawn l-atti fil-proces verbal numru 99/08 redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti li ghandu jirredigi proces verbal li jiddokumenta l-

procedura tad-distruzzjoni liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard mill-hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorit tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jigbor il-multa inflitta u l-ispejjez inkorsi u dan f'waqthom.

(Ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur